MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Numru 146/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**versus**

**Jeffrey Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jeffrey Spiteri ta’ 22 sena iben missier mhux magħruf u Anna spiteri mwieled Pieta fit-2 ta’ Ottubru 1982 u residenti 75 Triq il-Marsa, Marsa, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 541582M.

Akkużat talli fis-17 ta’ Jannar 2005 għall-ħabta tas-2.00pm, ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp Ħamrun

kkommetta serq ta’ handbag għad-dannu ta’ Sonia Bezzina, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedux l-Lm1000(Art 267 tal-kap 9).

Akkużat ukoll talli kiser il-provvediment ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta’ Malta b’sentenza datata 15 ta’ Diċembru 2004 fejn l-istess imputat ġie misjub ħati ta’ reat u mqiegħed taħt ordni ta’ Probation għal perjodu massimu ta’ tliet snin.

It-tieni imputazzjonijiet kienet rtirata fit-30 ta’ Ġunju 2006 u minflok daħlet imputazzjoni oħra.

Għal hekk it-tieni imputazzjoni trid tkun:

Talli rrenda ruħu riċediv ai terminu ta’ l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta wara li kien misjub ħati b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-imputat 5415 tas-sena 1982; il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali sabiex din il-kawża tinstema’ bi proċedura sommarja; il-fedina penali ta’ l-imputat; il-kunsens ta’ l-imputat biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji; il-current incident report a fol 12; l-istqarrija ta’ l-imputat illi tidher a fol 20; il-kopji tas-sentenzi li jinsabu a fol 22 et; il-kopja tal-fedina penali ta’ l-imputat li tidher a fol 50 et; ir-rapport magħmul mill-Probation Officer Trevor Calafato dwar l-imputat; u a fol 77 l-ammissjoni ta’ l-imputat għal żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu; u kopja ta’ sentenza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Jeffrey Spiteri’ mogħtija fit-3 ta’ Mejju 2002.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Illi ġaladarba l-imputat ammetta ż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrieh, bit-tieni waħda kif redatta wara li saret is-sostituzzjoni tat-tieni imputazzjoni b'waħda ġdida fit-30 ta' Ġunju 2006, l-imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-liġi.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Mix-xhieda ta' PC 275 Thomas Dimech jirriżulta illi fis-17 ta' Jannar 2005 fis-2.30pm kienet għamlet rapport ċertu Sonia Bezzina fl-għassa tal-Ħamrun. Din qalet li waqt li kienet miexja fi Strada Rjali ġol-Ħamrun, f'daqqa waħda kienet ġiet persuna u ġibditilha l-handbag li kien fuq spallitha.

L-ispettur Joseph Mercieca xehed illi mill-indaġni li kienet għamlet il-pulizija kienet waslet għall-imputat Jeffrey Spiteri li kien arrestat fit-22 ta' Frar 2005. L-imputat kien kkopera bis-sħiħ mal-pulizija u kien ammetta mill-ewwel l-involviment tiegħu f'din is-serqa.

Stqarrija ta' l-imputat

L-imputat għamel stqarrija fit-22 ta' Frar 2005 fejn qal li kien qed jirreġistra għax-xogħol u jgħix bir-relief. Huwa ammetta mill-ewwel li kien seraq basket fis-17 ta' Jannar 2005 minn Strada Rjali l-Ħamrun kważi l-Blata l-Bajda. Huwa kien ra tfajla u ħadilha l-basket. Dak inhar huwa kien sick u ma kienx ħa l-methadone. Mill-basket kien ħa l-mobile u ftit flus li kien fih u l-bqija kien rema kollox. Il-mobile kien biegħu lil persuna li ma kienx jaf. Dan kien biegħu xi LM10 jew Lm8. Huwa qal li kien jiddispjaċieh għal li kien għamel.

Ġiet esebita wkoll sentenza 'Spettur Roland Cassar vs Jeffrey Spiteri' tal-15 ta' Diċembru 2004 illi fiha l-imputat kien kkundannat iħallas Lm71.50 u ngħata probation order għal tliet snin.

Xehdet wkoll Sonia Bezzina l-allegata vittma tas-serqa li qalet li fil-basket kellha xi mobile li kien jiswa madwar Lm40. Kellhom wkoll jibdlu s-serratura tad-dar u kellha l-BOV cards li għalihom kellha tħallas LM3 charges u kienet

tikkalkula li sofriet danni ta' ,'l fuq minn LM100, qisu Lm110.

Xehed l-Ispettur Roland Cassar illi l-imputat kien kiser probation.

Is-Sur Trevor Calafato, Probation Officer ppreżenta r-rapport tiegħu. Huwa qal li l-imġieba ta' Jeffrey wara li ħareg minn CCF inbidlet għat-tajjeb. Waqt li kien qed iħejji r-rapport kien dejjem imur għall-appuntamenti kollha. L-imputat għandu ċertu diffikultajiet fil-ħajja tiegħu. L-ordni tal-Probation kienet inbidlet f'sentenza karċerarja.

Mill-conviction sheet ppreżentata a fol 72 jihder illi l-probation kienet tassew inbidlet f'piena karċerarja.

Jirriżulta illi fit-3 ta' Mejju 2002, il-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli kien kkundanna lill-imputat għal piena ta' xahrejn priġunerija pero din ma kellhiex tibda sseħħ ħlief jekk fi żmien sena Jeffrey Spiteri kkun kkommetta reat ieħor punibbli bi priġunerija.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a), 49 u 50 tal-Kap 9, ssib lill-imputat ħati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrieh u qed tikkundannah għal 5 xhur priġunerija. Minn dan it-terminu għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għadda taħt arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------